RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

Każ Nru: K/068

Allegazzjoni: Użu ta' fondi pubbliċi għal pubbliċità personali

Ilmentatur: Dr Karol Aquilina

Data tal-Ilment: 23 ta' Settembru 2024

Data ta' Dan ir-Rapport: 3 ta' Novembru 2026

L-Ilment

1. Fit-23 ta' Settembru 2024, Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar żewġ riklami li dehru fuq il-paġna tal-Gvern fuq Facebook bl-isem MaltaGov. L-Ilmentatur allega li bejn l-4 u l-5 ta' Settembru 2024, u bejn l-4 u d-9 ta' Settembru 2024, is-Sur Roderick Galdes, li dak iż-żmien kien il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, deher f'filmat imtella' fuq l-istess paġna MaltaGov fuq Facebook. L-Ilmentatur allega li dan jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

2. L-Ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A.**

3. Il-posts li dehru fuq il-paġna MaltaGov fuq Facebook dehru bħala posts imħallsin/sponsorjati. Is-sustanza tal-posts tikkonsisti f'filmat li fih jidher is-Sur Galdes jitkellem dwar regoli introdotti mill-gvern. Il-filmat huwa twil minuta u sitta u tletin sekonda u jħabbar bidliet fis-sistema ta' kirjiet ta' propjetajiet privati.

4. Meta sar l-ilment, is-Sur Galdes kien il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli. Sussegwentement, f'Jannar tal-2026, is-Sur Galdes irriżenja mill-kariga tiegħu u ma kkontestax l-elezzjoni ġenerali li ssejħet f'April ta' din is-sena.

Il-Kuntest

5. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[1] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

6. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena għaliex deherlu li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[2] B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat.

7. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każijiet li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[3]

8. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami tal-gvern.[4] Il-Kumitat għall-Istandards ħa deċiżjoni dwar dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri l-2023. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-Kummissarju,

---

1 Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf

2 Ara l-motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

3 Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf

4 Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[5]

9. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker bħala president tal-Kumitat għall-Istandards. F'din l-ittra, irrefera għaż-żewġ każijiet imsemmija fuq u qal:

> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[6]

10. Fl-istess ittra, is-sottoskritt irrakkomanda li l-linji gwida jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

11. Is-sottoskritt sab ksur ta' etika marbut ma' riklami pubbliċi fi tmien każijet. Tnejn minn dawn il-każijiet ingħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) tal-Att wara li rċieva apoloġija mingħand il-persuna investigata. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

---

[5] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf

[6] Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

12. Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.[7]

13. Is-sottoskritt ma rċeviex apoloġija fl-erba' każi l-oħra, u għalhekk kellu jirreferihom lill-Kumitat għall-Istandards. Wieħed minn dawn il-każi ġie deċiż mill-Kumitat fis-7 ta' Novembru 2024. Il-membri tal-Kumitat għal darb'oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa' bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[8] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika f'dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[9]

14. Ir-raba' u l-ħames każijiet[10] ġew deċiżi fl-istess laqgħa tal-Kumitat tat-12 ta' Jannar 2026. Wara li l-membri tal-Kumitat reġgħu vvotaw tnejn favur u tnejn kontra, l-Ispeaker ivvota kontra ż-żewġ rapporti. Hu rrepeta l-motivazzjoni tal-vot tiegħu, li sakemm il-linji gwida ma jiġux inklużi fil-kodiċi tal-etika rilevanti, ma jistax ikun hemm applikazzjoni ta' sanzjoni.

---

7 Rapport dwar il-każ K/045, maħruġ fl-14 ta' April 2023 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf.

8 Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta' Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

9 Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052 (4 ta' Marzu 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-forStandards-case-report-K052.pdf.

10 Rapport dwar il-każ K/069, sottomess lill-Kumitat fl-24 ta' Marzu 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-forstandards-case-report-k069.pdf, u rapport dwar il-każ K/067, sottomess lill-Kumitat fil-11 ta' April 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k067.pdf,

15. Is-sitt każ ġie sottomess lill-Kumitat f'Diċembru tal-2025.[11] Sussegwentement, is-seba'[12] u t-tmien[13] każijiet ġew sottomessi lill-Kumitat fis-6 ta' Lulju 2026, wara li s-sottoskritt sab ksur ta' etika, u talab apologija li ma ngħatatx. Fil-laqgħa tal-Kumitat tal-31 t'Awwissu 2026, il-Kumitat iddeċieda li ma kellux jaddotta t-tliet rapporti, dan wara li l-membri tal-Kumitat reġgħu vvotaw tnejn kontra tnejn favur ir-rapporti, u wara li l-Ispeaker vvota kontra, skont il-preċedent tal-predeċessur tiegħu.

Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

16. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment preżenti kien jimmerita investigazzjoni. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), huma dawn li ġejjin:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem ilpubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta'*

---

[11] Rapport dwar il-każ K/075, sottomess lill-Kumitat fl-10 ta' Diċembru 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k075.pdf

[12] Rapport dwar il-każ K/074, sottomess lill-Kumitat fis-6 ta' Lulju 2026 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k074.pdf

[13] Rapport dwar il-każ K/079, sottomess lill-Kumitat fis-6 ta' Lulju 2026 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k079.pdf

pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.

17. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

1.5 These guidelines do not cover all situations that might possibly arise, and the absence of guidelines on any matter does not exonerate ministers from their obligation to observe the Ministerial Code in all circumstances. The Commissioner will continue to consider alleged breaches of ethics that are not covered by these guidelines with direct reference to the Ministerial Code and the Act.

2.3 Inter alia, government advertising may include: [...]

(c) boosted or sponsored posts on social media; [...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

Proċedura tal-Investigazzjoni

18. Fil-15 t'Ottubru 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lis-Sur Roderick Galdes sabiex jirreferilu l-ilment, u jitlob l-veduti tiegħu dwaru. B'mod partikolari s-Sur Galdes intalab jgħid:

a) kemm intefqu flus għall-produzzjoni u xandir tal-filmat;

b) jekk ikkonsidrax illi d-dehra tiegħu fil-filmat kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

c) jekk ir-riklam in kwistjoni rrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali;

d) jekk ir-riklam affetwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta fuq Facebook, u li l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

19. Fit-13 ta' Novembru 2024 wieġeb is-Sur Galdes permezz ta' ittra (kopja annessa bħala d-**Dokument B**). Fir-risposta tiegħu is-Sur Galdes qal li l-post fuq Facebook suġġett tal-ilment ma kienx riklam, imma kien intiż bħala post

informattiv. Qal li s-somma li ntefqet fuq ix-xandir kien ta' ħamsin ewro u li ma kienx hemm spejjeż għall-produzzjoni tal-filmat. Qal li l-post m'affetwatx l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, li ma użax kliem partiġġjan waqt il-filmat, u li fl-opinjoni tiegħu żamm distinti l-irwoli tiegħu ta' ministru u ta' membru ta' partit politiku.

20. Fis-17 ta' Frar 2025, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lis-Sur Galdes, u talbu jikkjarifika kif ma ntefqux flus fuq il-produzzjoni tal-filmat peress li dan normalment jinvolvi spejjeż sinifikanti, b'mod partikolari minħabba li fil-filmat stess tidher grafika animata speċifikament dwar is-suġġett tal-filmat.

21. Fl-24 ta' Frar 2025 wieġeb is-Sur Galdes permezz ta' ittra (kopja annessa bħala **Dokument Ċ**) fejn iddikjara li ma kienx infurmat bi spejjeż marbuta mal-produzzjoni tal-filmat.

22. Fit-28 ta' Frar 2025, dan l-Uffiċċju talab kjarifika mingħand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, dak iż-żmien is-Sur Emanuel Psaila. F'din l-ittra s-sottoskritt talab kopji ta' records ta' ħlasijiet, inkluż rifużjonijiet potenzjali li saru mill-ministeru in konnessjoni mal-ġbid, produzzjoni, editjar u ħolqien tal-grafika li dehret fil-filmat, kif ukoll kopji ta' fatturi ipproċessati mill-ministeru in konnessjoni mal-istess ħlasijiet.

23. Fis-6 ta' Marzu 2025 wieġeb is-Segretarju Permanenti permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument D**), fejn qal li ma kien hemm l-ebda ħlasijiet li saru mill-ministeru in konnessjoni mal-grafika li dehret fil-filmat.

24. Għalhekk, fil-15 t'April 2025, is-sottoskritt kiteb lis-Sur Jason Vella, il-kap tas-segretarjat tal-eks-ministru Galdes u talbu jgħid min kien l-individwu responsabbli għall-koordinazzjoni tal-produzzjoni tal-filmat min-naħa tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

25. Fil-21 t'April 2025 wieġeb is-Sur Vella (kopja tal-ittra annessa bħala **Dokument E**) fejn qal li l-inkarigu għall-produzzjoni tal-filmat ma sarx mill-ministeru, imma mill-paġna fuq Facebook stess (dan l-Uffiċċu fehem li din kienet riferenza għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru), u għalhekk ma kienx hemm persuna reponsabbli min-naħa tal-ministeru.

26. Fit-12 ta' Mejju 2025, dan l-Uffiċċju ħarrek lis-Sur Vella sabiex jixhed dwar il-koordinazzjoni u produzzjoni tal-filmat.

27. Fil-5 ta' Ġunju 2025, deher is-Sur Vella quddiem is-sottoskritt u xehed dwar il-proċess involut fil-produzzjoni tal-filmat (traskrizzjoni tal-laqgħa annessa bhala **Dokument F**).

28. F'din il-laqgħa is-Sur Vella ġie mistoqsi dwar min kien ħa l-inizjattiva biex sar dan il-filmat. Spjega li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kien talab lill-Ministru jagħti intervista dwar skema ġdida, u li l-ministeru ma għaddiex pagamenti biex sar il-filmat/post imħallas. Qal li meta talab informazzjoni mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, qalulu li kien hemm spiża ta' madwar ħamsin ewro li saret in konnessjoni mal-filmat. Mistoqsi jekk sarux rifużjonijiet mill-ministeru lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għal kwalunkwe ħlasijiet marbuta mal-filmat, wieġeb fin-negattiv. Ma setax jidentifika individwu partikolari responsabbli min-naħa tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, dan peress li kien għadda ż-żmien bejn meta ngħibed il-filmat u meta saret il-laqgħa mas-sottoskritt. Mistoqsi jekk din kienet l-ewwel darba li l-ministeru ppartecipa f'riklam b'dan il-mod, is-Sur Vella qal li jidhirlu li dan kien l-każ.

29. Is-sottoskritt deherlu li kellu jitlob informazzjoni ulterjuri mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala l-entità identifikata bħala responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir ta' dan ir-riklam.

30. Għalhekk, fit-3 t'Ottubru 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lis-Sur Edward Montebello, dak iż-zmien Kap tal-Komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u talbu jgħid jekk ir-riklam sar fuq inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kemm sewa l-produzzjoni inkluż il-ħolqien tal-grafika, ġbid ta' filmat u editjar, u min kien responsabbli għall-koordinazzjoni tal-produzzjoni. Barra minn dan, is-Sur Montebello ġie mitlub jipprovdi kopji ta' fatturi u pagamenti li saru in konnessjoni mal-produzzjoni u x-xandir tar-riklam.

31. Fit-30 t'Ottubru 2025 wieħeb is-Sur Montebello permezz ta' email (kopja annessa bħala **Dokument G**) flimkien ma' liema annetta żewġ fatturi. Fir-risposta tiegħu, is-Sur Montebello qal li l-paġna MaltaGov fuq Facebook, li hija amministrata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ippubblikat il-filmat bejn l-4 u d-9 ta' Settembru 2025, f'liema filmat l-eks Ministru Galdes spjega emendi leġiżlattivi. Qal li dan il-filmat ġie prodott b'riżorsi interni u li ma kien hemm l-ebda spiża in konnessjoni mal-ġbid, editjar u ħolqien tal-grafika li tidher fil-filmat. Qal ukoll li kien l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni li kien responsabbli għall-filmat u li n-nefqa fuq xandir kienet ta' €53.61.

32. Is-Sur Montebello sottometta kopji ta' fatturi b'redazzjonijiet u għalhekk dan l-Uffiċċju talab kopji kompleti tal-istess fatturi. Dawn ġew provduti mis-Sur Montebello permezz ta' email (annessa bħala **Dokument H**, flimkien mal-kopji tal-fatturi annessi bħala **Dokumenti H1** u **H2**) fit-2 ta' Frar 2026. Ir-redazzjonijiet li jidhru f'dawn id-dokumenti saru minn dan l-Uffiċċju għal raġunijiet ta' privatezza.

33. Fl-20 ta' Marzu 2026 dan l-Uffiċċju ħarrek lis-Sur Montebello sabiex jixhed dwar ir-riklam.

34. Fl-14 t'April 2026 deher is-Sur Montebello u xehed dwar il-produzzjoni u x-xandir tar-riklam suġġett tal-ilment (traskrizzjoni annessa bħala **Dokument I**). Is-Sur Montebello qal li l-filmat kien messaġġ ta' spjega informattiva mill-ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, dan wara li ħarġu regoli ġodda fir-rigward ta' kirjiet residenzjali. Qal li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru koordina il-produzzjoni tal-filmat u li dan sar '*in house*', bil-kamera, impjegati u t-tagħmir awdjo-viżiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru stess.

35. Mistoqsi dwar kif normalment jittieħdu deċiżjonijiet dwar liema skemi tal-gvern jiġu mħabbrin fuq il-paġna MaltaGov fuq Facebook, is-Sur Montebello qal li jistgħu jirċievu talbiet mingħand ministri biex jippostjaw inizjattivi fuq il-paġna tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, però li jkun hemm ukoll drabi fejn huma jieħdu d-deċiżjoni li inizjattiva partikolari jistħoqqilha reklamar fuq il-paġna, u jipproponu li dan isir lill-ministeru kkonċernat. Qal li peress li l-filmat sar fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru stess, ma kienx hemm spejjeż in konnessjoni mal-ġbid u l-produzzjoni tal-filmat, u li l-ispejjeż li kien hemm kienu dawk rilatati max-xandir tal-post fuq Facebook. Mistoqsi jekk hemm individwu li jiddeċiedi liema posts jiġu mħallsin/sponsored fuq il-paġna MaltaGov, is-Sur Montebello qal li huwa jiddeċiedi, u li f'dan il-każ hu kien ħa d-deċiżoni biex jittieħed dan il-filmat. Mistoqsi jekk hu wkoll jagħżel l-ammonti li jintefqu fuq posts imħallsin, u jekk hemmx linji gwida interni f'dan ir-rigward, wieġeb fin-negattiv u qal li saret prassi li l-ammont ta' madwar ħamsin ewro jintefaq fuq post imħallas fuq il-paġna fuq Facebook.

36. Is-Sur Montebello ġie mistoqsi wkoll jekk f'każ bħal dan, fejn ir-riklam li jinvolvi ministeru ieħor jiġi koordinat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-ministeru responsabbli għall-iskema li ser tingħata prominenza jkollux sehem fid-diskussjoni dwar ir-riklam. Wieġeb fin-negattiv u qal li l-involviment tal-Ministru f'dan il-każ partikolari kien limitat għall-attendenza tiegħu biex inġibed il-filmat. Mistoqsi jekk sarux riklami oħra simili fuq inizjattiva tal-

Uffiċċju tal-Prim Ministru, qal li filmat simili ħafna ttella' jew qabel jew wara dak tal-każ odjern.

37. Fl-1 ta' Settembru 2026, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lis-Sur Roderick Galdes u tah aċċess għall-provi kollha miġbura fil-perkors tal-investigazzjoni u l-opportunità li jżid mas-sottomissjonijiet li kien diġà għamel.

38. Fl-24 ta' Settembru 2026, wieġeb is-Sur Galdes permezz ta' email (annessa bħala **Dokument J**) fejn qal li ma kellux sottomissjonijiet ulterjuri fi-rigward ta' dan il-każ.

Konsiderazzjonijiet

39. Il-filmat juri l-eks Ministru Galdes jitkellem dwar skema ġdida rilatata ma' bidliet fis-sistema ta' kirjiet residenzjali privati. Mill-filmat kollu, madwar sebgħa u għoxrin sekonda tal-filmat juri grafika animata rilatata mal-iskema imħabbra. L-eks Ministru Galdes jidher fil-kumplament tal-filmat, li huwa twil minuta u ħamsa u tletin sekonda. Fl-istess ħin, permezz ta' *voiceover*, is-Sur Galdes jinstema' tul il-filmat kollu jitkellem dwar ir-regolamenti ġodda li daħlu fis-seħħ f'dak il-perjodu li ħareġ ir-riklam.

40. Is-sottoskritt ikkummenta f'diversi okkażjonijiet dwar il-prassi li żviluppat u saret tant komuni, fejn ministri u segretarji parlamentari jidhru f'riklami mħallsin minn fondi pubbliċi. Dan il-każ jirrappreżenta l-ewwel darba li ministru deher f'riklam prodott u mħallas minn ministeru ieħor, f'dan il-każ, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

41. Il-linji gwida pubblikati minn dan l-Uffiċċju fl-2021 ma jitkellmux dwar sitwazzjoni fejn ministru jew segretarju parlamentari jidher f'riklam prodott u mħallas minn kollega tiegħu fl-istess Eżekuttiv. Li kieku rriżulta li l-ministeru li tiegħu kien responsabbli s-Sur Galdes kien ħallas għal dan ir-riklam, il-każ kien jaqa' b'mod ċar fil-parametri tal-linji gwida.

42. Is-sottoskritt jidhirlu li l-involviment tas-Sur Galdes kien limitat f'dan il-każ. Ix-xhieda qalu li l-produzzjoni tal-filmat kien ikkordinat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, dan għaliex il-gvern ried jagħti importanza lil regolamenti ġodda dwar suġġett importanti. Filwaqt li s-sottoskritt jemmen li dan xorta seta' jsir mingħajr id-dehra ta' ministru, m'hemm l-ebda indikazzjoni li s-Sur Galdes kien involut f'deċiżjonijiet rigward il-ġbid tal-filmat, l-editjar, jew il-ħlasijiet għax-xandir tal-post fuq Facebook.

43. Jekk jinqalgħu każijiet simili fil-futur, is-sottoskritt jirriżerva d-dritt li jiftaħ investigazzjoni kontra l-ministru risponsabbli għall-produzzjoni tar-riklam minkejja li ma jidhirx hu personalment fih, jew inkella kontra l-persuni ta' fiduċja fis-segretarjat tiegħu li jkunu involuti, peress li dawn ukoll jaqgħu taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Konklużjonijiet

44. Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jiddikjara li l-ma sab ebda ksur ta' etika da parti tas-Sur Roderick Galdes, u jiddikjara l-każ magħluq.

45. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lis-Sur Roderick Galdes bħala l-persuna li dwarha sar l-ilment, u lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu.

46. Fil-31 ta'Awwissu 2026, il-Kumitat dwar l-Istandards qabel li fejn ma jinstabx ksur ta' etika minn dan l-Uffiċċju, is-sottoskritt għandu jippubblika r-rapport tiegħu hekk kif jikkonkludi l-investigazzjoni, sakemm wara konsultazzjoni ma jkunx hemm oġġezzjoni valida għal dan mill-persuna investigata.

47. Għaldaqstant, in konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat, dan l-Uffiċċju se jikkonsulta mal-persuna investigata bil-għan li f'perjodu qasir jottjeni l-veduti tagħha dwar il-pubblikazzjoni tar-rapport. Fl-eventwalità li s-sottoskritt jiddeċiedi li għandu jippubblika dan ir-rapport, kopja titqiegħed fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dokumenti Annessi

Dokument A	Ittra datata t-23 ta' Settembru 2024 mingħand Dr Karol Aquilina.
Dokument B	Ittra datata t-13 ta' Novembru 2024 mingħand is-Sur Roderick Galdes.
Dokument Ċ	Ittra datata l-24 ta' Frar 2025 mingħand is-Sur Galdes.
Dokument D	Ittra datata s-6 ta' Marzu 2025 mingħand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.
Dokument E	Ittra datata l-21 t'April 2025 mingħand is-Sur Jason Vella.
Dokument F	Traskrizzjoni tal-laqgħa li saret mas-Sur Jason Vella fil-5 ta' Ġunju 2025.
Dokument G	Email datata t-30 t'Ottubru 2025 mingħand is-Sur Edward Montebello.
Dokument H	Email datata t-2 ta' Frar 2026 mingħand is-Sur Montebello
Dokument H1	Fattura mibgħuta mis-Sur Edward Montebello flimkien mal-email tiegħu tat-2 ta' Frar.
Dokument H2	Fattura mibgħuta mis-Sur Edward Montebello flimkien mal-email tiegħu tat-2 ta' Frar.
Dokument I	Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mas-Sur Edward Montebello fl-14 t'April 2026.
Dokument J	Email datata l-24 ta' Settembru 2026 mingħand is-Sur Roderick Galdes.

Dokument A

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

23 ta' Settembru 2024

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

Rig: Ilment dwar reklam mill-Ministru Roderick Galdes

Minn nhar l-Erbgħa 4 ta' Settembru sa nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024, fuq is-siti soċjali Facebook u Instagram dehru żewġ reklami identiċi mħallsa minn fondi pubbliċi permezz tal-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta aċċessibbli fl-indirizz: https://www.facebook.com/MaltaGov

Dawk iż-żewġ reklami kienu fil-forma ta' filmat li fih jidher il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, jitkellem dwar il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati. L-imsemmi filmat huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/MaltaGov/videos/867203258310434

Mehmuż għandek issib numru ta' *screenshots* tas-sit soċjali Facebook li juru kif l-imsemmi filmat ġie wżat f'żewġ reklami bi ħlas minn fondi pubbliċi kif ukoll l-informazzjoni sħiħa dwarhom (immarkata bħala Dok. A) u liema informazzjoni hija wkoll aċċessibbli permezz ta' dawn iż-żewġ links:

https://www.facebook.com/ads/library/?id=1054503625573384

https://www.facebook.com/ads/library/?id=1018246983173463

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

m. 7927 4316 e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

> 2.3 *Inter alia*, government advertising may include:
>
> [...]
>
> (c) boosted or sponsored posts on social media;
>
> [...]
>
> 3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.
>
> [...]
>
> 3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –
>
> [...]
>
> (c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

Fil-fehma tiegħi r-reklami li huma s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżentaw ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes.

Ippermettli nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

> "24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.
>
> 25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Minkejja d-diversi deċiżjonijiet tiegħek dwar każijiet simili, jidher li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari qegħdin jibqgħu jagħmlu reklami għalihom nfushom imħallsin minn fondi pubbliċi bi ksur ċar u sfaċċat tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel


KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.


Inselli għalik,





Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
All
All ads
MaltaGov
Saved Searches
Keyword
Filters
Save Search
Launched in September 2024
Library ID: 3236950946440199
Inactive
17 Sep 2024 - 22 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 50K-60K
EU transparency
See ad details
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Kabinett man-nies dwar is-soċjal
Library ID: 2217559201957386
Inactive
6 Sep 2024 - 10 Sep 2024
Platforms
EU transparency
See ad details
MaltaGov
Sponsored
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
EU transparency
See ad details
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f'90 sekonda
0:02 / 1:35
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
EU transparency
See ad details
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f'90 sekonda
0:01 / 1:35
LINKTR.EE
Learn more


Library ID: 1054503625573384





Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
MaltaGov
Sponsored · Paid for by MaltaGov
Library ID: 1054503625573384
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
0:02 / 1:35
Ad audience
Advertisers can target their ads to certain audiences based on factors such as age, gender and location.
Estimated audience size
100K-500K
Estimated audience size is an estimate of how many Accounts Centre accounts met an advertiser's targeting criteria when the ad was created... See more
Ad delivery
Amount spent
<€100 (EUR)
The estimated total amount of money spent on an ad during its schedule. Learn more
Impressions
60K-70K
The number of times that an ad was on a screen, which may include multiple views by the same people. Learn more
Age and gender



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1054503625573384
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
0:02 / 1:35
Age and gender
Men
Women
Unknown
20%
10%
0%
18-24
25-34
35-44
45-54
55-64
65+
Location
Central Region
39%
South Eastern Region
36%
Northern Region
14%
Gozo
9%
Unknown
<1%
European Union transparency



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1054503625573384
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
0:02 / 1:35
European Union transparency
We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.
EU ad audience
Location
Advertisers can target their ads to certain audiences based on their country, county/region, postcode or town/city.
All location types
Included
Excluded
Location
Location type
Included or excluded
Malta
Country/region
Included
Age
18-65+ years old
Advertisers can choose a minimum and maximum age of who will be shown an ad.
Gender
All
Advertisers can choose to target their ad based on gender.



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
MaltaGov
Sponsored · Paid for by MaltaGov
Library ID: 1054503625573384
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
0:02 / 1:35
EU ad delivery
Reach
39,520
The number of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad at least once. Reach is different from impressions, which may include multiple views of your ads by the same Accounts Centre accounts. This metric is estimated.
Reach by location, age and gender
The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.
Location
Age range
Gender
Reach
Malta 18-24 Unknown 6
Malta 18-24 Male 520
Malta 18-24 Female 145
Malta 25-34 Unknown 12
Malta 25-34 Male 2448



Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1054503625573384
Inactive
4 Sep 2024 - 9 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 60K-70K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1054503625573384
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
0:02 / 1:35
About the advertiser
MaltaGov
@MaltaGov
206.2K followers • Government organisation
@maltagov
27.9K followers
More info
Il-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta | The Official Page of the Government of Malta
Beneficiary and payer
When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.
Current
Beneficiary MaltaGov
Payer MaltaGov


Library ID: 1018246983173463





Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1018246983173463
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
LINKTR.EE
MaltaGov
Learn more
Ad audience
Advertisers can target their ads to certain audiences based on factors such as age, gender and location.
Estimated audience size
100K-500K
Estimated audience size is an estimate of how many Accounts Centre accounts met an advertiser's targeting criteria when the ad was created... See more
Ad delivery
Amount spent
<€100 (EUR)
The estimated total amount of money spent on an ad during its schedule. Learn more
Impressions
3K-4K
The number of times that an ad was on a screen, which may include multiple views by the same people. Learn more
Age and gender


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
MaltaGov
Sponsored · Paid for by MaltaGov
Library ID: 1018246983173463
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
LINKTR.EE
MaltaGov
Learn more
Age and gender
Men
Women
Unknown
20%
10%
0%
18-24
25-34
35-44
45-54
55-64
65+
Location
Central Region
37%
South Eastern Region
37%
Northern Region
12%
Gozo
12%
European Union transparency
We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1018246983173463
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
LINKTR.EE
MaltaGov
Learn more
European Union transparency
We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.
EU ad audience
Location
Advertisers can target their ads to certain audiences based on their country, county/region, postcode or town/city.
All location types
Included
Excluded
Location
Location type
Included or excluded
Malta
Country/region
Included
Age
18-65+ years old
Advertisers can choose a minimum and maximum age of who will be shown an ad.
Gender
All
Advertisers can choose to target their ad based on gender.


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
MaltaGov
Sponsored • Paid for by MaltaGov
Library ID: 1018246983173463
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
LINKTR.EE
MaltaGov
Learn more
EU ad delivery
Reach
3,476
The number of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad at least once. Reach is different from impressions, which may include multiple views of your ads by the same Accounts Centre accounts. This metric is estimated.
Reach by location, age and gender
The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.
Location
Age range
Gender
Reach
Malta 65+ Unknown 3
Malta 65+ Male 480
Malta 65+ Female 642
Malta 55-64 Unknown 4
Malta 55-64 Male 449


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 1018246983173463
Inactive
4 Sep 2024 - 5 Sep 2024
Platforms
Categories
Estimated audience size: 100K-500K
Amount spent (EUR): <€100
Impressions: 3K-4K
MaltaGov
Sponsored · Paid for by MaltaGov
Library ID: 1018246983173463
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet privati f' 9 0 sekonda
LINKTR.EE
MaltaGov
Learn more
About the advertiser
MaltaGov
@MaltaGov
206.2K followers • Government organisation
@maltagov
27.9K followers
More info
Il-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta | The Official Page of the Government of Malta
Beneficiary and payer
When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.
Current
Beneficiary MaltaGov
Payer MaltaGov
About ads and data use

Dokument B

13 ta' Novembru 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT1210

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Każ numru K/068 imressaq minn Dr. Karol Aquilina

Nirreferi u bir-rispett qiegħed inwieġeb għall-ittra tiegħek datata il-15 ta' Ottubru 2024, rigwardanti ilment imressaq minn Dr Karol Aquilina dwar dak deskritt bħala riklam mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

Bil-ġurament tiegħi ngħid u niddikjara:

Illi il-post imsemmija ma kienet bl-ebda mod riklam iżda biss post informattiv li kellu biss l-għan li jwassal informazzjoni dwar liġi ġdida li ġiet imgħoddija unanimament mill-Parlament ta' Malta u li fil-mument

kien essenzjali li l-informazzjoni dwara tgħaddi għand il-pubbliku inġenerali b'mod konċiż u korrett;

Illi l-valur tal-ispejjeż assoċjati max-xandir tal-filmat imsemmi huwa wieħed minimu li jammonta għas-somma ta' 50 ewro (irċevuta annessa u immarkata bħala Dok A);

Illi ma kienx hemm spejjeż marbuta mal-produzzjoni tal-istess filmat;

Illi l-post imsemmija ma taffettwa bl-ebda mod l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, għax barra mill-fatt li l-ispiża kienet minima, kienet biss intiża sabiex tinforma lill-pubbliku dwar liġi li saħansitra tagħti kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet lill-istess pubbliku;

Illi waqt l-imsemmi filmat fl-ebda ħin m'użajt kliem partiġġjan li jikser l-etika;

Illi l-filmat irrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali;

Illi l-filmat ma affetwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku;

Illi fil-filmat kont sempliċiment qiegħed nispjega lill-pubbliku emenda fil-liġi ġdida li kienet se tolqot numru sostanzjali ta' individwi f'pajjiżna. Għaldaqstant, kien fl-interess pubbliku li l-poplu jkun infurmat u edukat fuq miżuri importanti bħal dawn, li magħhom hemm ukoll marbutin konsegwenzi legali;

Illi filwaqt li wieħed jifhem l-importanza ta' standards etiċi, wieħed ukoll m'għandux jabbuża mill-interpretazzjoni tal-istess standards sabiex iwaqqaf materjal li jkollu l-għan li jeduka fuq ħidma li tkun għaddeja fuq livell nazzjonali, bħall-emendi fil-liġi tal-kera, tant li jiġi kreat żbilanġ totali fejn jidħol dritt għall-informazzjoni li ċ-ċittadin iħaddan, kif ukoll interferenza fil-ħidma ministerjali, fejn naslu f'estremità li Ministru ma jistax jwassal il-messaġġ tiegħu;

Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi jien irrispettajt bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri elenkati fl-ittra imsemmija u ċioe:

- illi żammejt separati u distinti l-irwol tiegħi bħala Ministru u bħala membru ta' partit politiku[1];
- illi eżerċitajt l-ogħla livell ta diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll ħdimt b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tiegħi[2];

[1] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (4.9)
[2] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (5.3)

- illi m'abbużat bl-ebda mod fl-influwenza tiegħi fuq is-servizz pubbliku[3];
- illi irrispettajt il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku[4].

Inżid ukoll li l-linji gwida jgħidu li *"it is acknowledged that the government has a wide discretion in the use of public finds to fulfill its duty to communicate with the public, in order to serve purposes such as the following:*

- *to provide information about matters of public interest*
- *to contribute to public safety or encourage responsable behaviour*
- *to promote awareness of rights or entitlements[5];*

Fid-dawl tas-suespost għalkemm il-linji gwida ma jservux ta' regoli imma biss ta' gwida[6], kif ukoll ma ikoprux is-sitwazzjonijiet kollha possibbli[7], meta wieħed iqis li l-kontenut tal-filmat kien qed jitkellem fuq liġi li ġiet approvata unanimament mill-Parlament ta' Malta bl-iskop li tipproteġi l-kwalità tal-ħajja tal-inkwilini, nemmen li l-filmat kien propju intiż għall-għarfien pubbliku dwar id-drittijet u d-dmirijiet tal-inkwilini u s-sidien, sabiex il-pubbliku inġenerali jħares din il-liġi hekk importanti. Tenut kont ukoll il-valur tal-imsemmija post wieħed jista' ukoll japprezza li, kif dejjem għamilt, il-bilanċ u id-deċiżjonijet tal-istess kienu meħuda b'għaqal u b'diliġenza;

---

[3] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (7.4)
[4] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (4.10/7.4)
[5] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (1.10)
[6] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (1.3)
[7] Guidelines on Government Advertising and Promotional Material (1.5)

Għal dawn ir-raġunijiet nemmen li l-ilment ta' Dr Karol Aquilina mhux ġustifikati,

Dejjem tiegħek,

[redacted]

Onor. Roderick Galdes

Illum 12 ta' November 2024.
Deher/~~Dehret~~ Roderick Galdes.
Karta tal-Identità Nru. [redacted] (in)
~~Halef/ħalfet din in-nota/rikors/risposta/ittra uffiċjali/mandat~~/affidavit/att wara il ġiet iffirmata u moqrija lilu/~~lilha~~.
PL Colin Galea [redacted]

DOK A

Boosted Facebook post



Sep 4 • Created by Darryl Farr...
Video views
Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet
privati f'[illegible] sekonda

Completed

42,141	8,607	€50.00
Reach	ThruPlays	Spent of €50.00

Boost again | View results

Dokument Ċ

24 ta' Frar 2025

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT1210

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Każ numru K/068

Nirreferi u bir-rispett qiegħed inwieġeb għall-ittra tiegħek datata 17 ta' Frar 2025.

Bil-ġurament tiegħi ngħid u niddikjara:

Illi rigwardanti l-post imsemmija, niddikjara li personalment minix infurmat li kien hemm spejjeż marbuta mal-produzzjoni tal-istess filmat.

Dejjem tiegħek,

[redacted]

Onor. Roderick Galdes

Illum 24 ta' Frar 2025
Deher Galdes Roderick
I.D. No. [redacted]
halef il-korrettezza ta' dan l-att
waqt il qrajtulu
[redacted]
Commissioner for Oaths

Dokument D

MINISTERU GĦALL-
AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U
AFFORDABBLI

MALTA

MINISTRY FOR SOCIAL AND
AFFORDABLE ACCOMMODATION

Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Office of the Permanent Secretary

6 ta' Marzu 2025

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta VLT1210

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Każ numru K/068

Nirreferi u bir-rispett qiegħed inwieġeb għall-ittra tiegħek datata 28 ta' Frar 2025.

Bil-ġurament tiegħi ngħid u niddikjara:

Illi rigwardanti l-post imsemmija, niddikjara li ma kien hemm l-ebda ħlasijiet mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli in konnessjoni mal-ġbid, produzzjoni, editjar u ħolqien tal-grafika tal-imsemmi filmat.

Dejjem tiegħek,

[redacted]

Emanuel Psaila
Segretarju Permaenti
Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali
u Affordabbli

Illum 6th March 2025

Deher/Deħret Emanuel Psaila

I.D./Passaport Nru: [redacted]

Ħalef/ħalfet il-korrettezza ta dan l-att wara li grajtulu/qrajtulha.

[redacted]

JEAN PIERRE BUSUTTIL B.A.(law). L.P.
Commissioner for oaths

Dokument E

21 t'April 2025

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl,

Valletta VLT1210

Każ numru K/068

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 15 t'April 2025, indirizzata lili.

Bil-ġurament tiegħi ngħid u niddikjara:

Illi l-inkarigu għal produzzjoni tal-imsemmi filmat ma saritx min-naħa tas-segretarjat tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, iżda mill-paġna ta' Facebook fejn deher l-istess filmat, għaldaqstant ma kienx hemm individwu responsabbli għal koordinazzjoni tal-produzzjoni tal-imsemmi filmat minn dan is-segretarjat.

Dejjem tiegħek,

Illum 21 ta' April 2025
Deher Jason Vella [redacted]
I.D. No. [redacted]
Ħalef il-korrettezza ta' dan l-att waqt li qrajtulu

Is-Sur Jason Vella [redacted]

Jason Vella
Head of Secretariat
Minister for Social and
Affordable Accommodation

Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Jason Vella

Każ: K/068

Data: 5 ta Ġunju 2025 fl-10.00

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju – CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW

Is-Sur Jason Vella, Kap tas-Segretarjat, Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli – JV

JA: Sewwa, inti qiegħed xhud hawnhekk eh u, ħa nittraskrivuha, nirrekordjaw biex imbagħad tiġi transcribed ix-xhieda tiegħek, ok? Issa jekk tkun trid kopja tagħha nibagħtuhielek ta jiġifieri imma –

JV: Tajjeb

JA: Mela. Aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa hekk Alla jgħinek. Mela każ 68, seduta miżmuma l-5 ta' Ġunju 2025 fl-10, preżenti il-Kummissarju, id-Direttur Ġenerali u s-Senior Investigator Dr Sarah Pace Warrington. Is-Sur Jason Vella msejjaħ mill-Kummissarju bil-ġurament jgħid. Mela, x'inhi l-kariga tiegħek illum, u nbidlitx f'dawn l-aħħar xhur –

JV: Le, ilni nokkupa l-kariga għal sena u nofs bħala Head of Secretariat

JA: Sewwa. Tal-Ministeru?

JV: Erm, MCAA, Accommodation aw, affordabbli

JA: Ok ok. Issa, inti taf fuq xiex dana, fuq riklam li aħna nqisuh riklam insomma li jista' jkun riklam erm tista' tgħidilna min ħa l-inizjattiva biex dak il-filmat isir?

JV: Mela, erm, jiena għamilt daqsxejn, ġbart daqsxejn ta' informazzjoni mill-Head tal-Communication team tiegħi, erm, però mill-, mill-informazzjoni li ġibt, jiġifieri l-produzzjoni jew l-iffilmjar, l-imsemmi, konna informati mill-MaltaGov biex nirrappurtaw Kastilja biex il-Ministru jagħti xi intervista rigward xi skema ġdida li kien għadu kif ħareġ.

JA: Sewwa. Jiġifieri –

JV: Jiġifieri min-naħa tal-Ministeru la qatt ma għadda payment, la qatt ma, qed tifhem? Imbagħad wara li bgħattulna l-ittra, erm, ġbart, tlabt informazzjoni mill-, mill-OPM, mill-MaltaGov, erm biex nara daqsxejn u infurmawni li kull ma kien hemm xi spiża ta' 50 euros jiġifieri min-naħa tagħna, min-naħa tal-Ministru jew min-naħa tal-Ministeru la għaddew payments, qed tifhem, jiġifieri –

SPW: So anke għal din l-ispiża ta' 50 euro dik tħallset mill-OPM -

JV: eżatt

SPW: u ma kien hemm l-ebda

JV: qatt ma tħallset minna

SPW: l-ebda refund

JV: xejn. Xejn xejn xejn.

SPW: Ok.

JV: Jiġifieri aħna kull m'attendejna għal dik l-intervista li għamlu lill-Ministru, erm meta bagħtu għalih. Il-bqija jiġifieri, la konna nvoluti fejn jidħlu sponsor fuq Facebook jew whatever xejn. Jiġifieri –

JA: L-inizjattiva ġiet mill-OPM

SPW: So set up ukoll min-naħa tagħhom, intom mortu u sibtu s-set lest bażikament?

JV: Ifhem jekk kien hemm xi set lest jew hekk ma niftakarx għax jien ma kontx preżenti però li naf żgur li bagħtu għall-Ministru, biex iħabbar l-iskema whatever x'kienet, erm, jekk jien korrett il-, l-intervista kienet fuq kirjiet residenzjali u private l-iskema kienet jiġifieri, erm, min-naħa tagħna s'hemmhekk nafu jigifieri.

SPW: So anke meta qed ngħidu l-video li imbagħad spiċċa fuq MaltaGov, editing, production, kollox -

JV: M'għandna x'naqsmu xejn, xejn, xejn.

CP: Min-naħa tal-OPM, min –

JV: Issa ħa ngħidlek minn dakinhar għadda, għadda quite a period of time ma niftakarx min kienet, min kienet il-persuna li taw, id-direzzjoni biex il-Ministru jmur hemmhekk qed tifhem? Probabbilment erm, kellmu, kellmu l-Head tal-Communications team tiegħi, erm, u imbagħad tawhom id-direttiva biex imur hemmhekk speċi, però m'għandix idea t-telefonata min kien għamilha. Ma nistax ngħidlek John Vella, Charles Vella whatever.

JA: L-inizjattiva mhux tal-filming issa qed nitkellmu, ta' din l-iskema, ta' Housing sewwa, min-naħa tal-Ministeru ġiet naturalment.

JV: Ijja mela.

JA: Jiġifieri kif allura, biex nifhem ta, voldieri, kif allura imbagħad l-OPM, min-naħa tal-OPM dehrilhom li għandhom –

JV: din din konna ħabbarna din l-iskema –

JA: I see

JV: Qed tifhem, u imbagħad er, ovvjament bagħtu għalih l-OPM għal iktar informazzjoni forsi u hekk

JA: I see I see

SPW: dik kienet l-ewwel darba li għamiltu riklam b'dan il-mod? Jew filmat b'dan il-mod fejn –

JV: jidhirli, jidhirli li iva

SPW: Għamiltu riklami oħrajn ?

JV: dejjem almenu fil-kariga jiena eh safejn naf jiena this was the first time

SPW: and was there a second time perhaps?

JV: no no no no

SPW: so it's the only one

JV: as far as I know le, sa issa.

SPW: u inti għedt li rċevejtu telefonata, m'għandkom xejn bil-miktub follow up, emails?

JV: Le m'għandi xejn bil-miktub, m'għandi xejn bil-miktub

JA: u nifhem li allura, insomma dik għandna kopja tiegħu l-filmat, dak m'hemmx għalfejn noqgħod insaqsikom. Nifhem li ftit sekondi kien fih allura għax, 50 euros ma nafx ta, insomma

SPW: 50 euro għall-post, fuq –

JA: anyway allura issa naraw

JV: anyway ma nidħolx, ma nidħolx f'dan il-mertu imma mill-informazzjoni li ppruvajt niġbor xi 50 euro kien hemm, ma nistax ngħid jiġifieri

JA: Ok. Ok.

CP: U l-Ministru erm, mar l-OPM biex biex ġibed il-filmat?

JV: iva iva, kollox minn hemm, kollox minn hemm, kollox minn hemm

SPW: taf min mar miegħu mis-segretarjat?

JV: M'għandix, m'għandix idea – jiena żgur li ma kontx preżenti miegħu.

JA: ok. Naħseb daqshekk hux hekk? Mela din hija s-sustanza tax-xhieda tas-Sur Jason Vella dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi ħafna Sur Vella.

JV: Nirringrazzjakom u l-ġurnata t-tajba.

Data tal-aħħar reviżjoni: 6 ta' Ġunju 2025

Dokument G

From: Montebello Edward 1 at OPM
To: Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Subject: RE: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Date: 30 October 2025 17:28:16
Attachments: DOK EM 1.pdf
DOK EM 2.pdf

Illum it-30 ta' Ottubru 2025

Lill-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Strada San Paolo
Valletta

Għażiż Sur Kummissarju,

Qiegħed nikteb b'risposta għall-ittra tiegħek datata 3 ta' Ottubru 2025 a rigward il-Każ K/068.

Fl-ittra tiegħek intlabt inwieġeb dawn id-domandi:

(a) tgħidli jekk ir-riklam sarx fuq inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

(b) tgħidli kemm sewa r-riklam inkluż il-ġbid tal-filmat, produzzjoni, editjar u ħolqien tal-grafika rilevanti għal dan il-filmat;

(c) tidentifika min kien responsabbli għall-koordinazzjoni tal-produzzjoni tal-filmat u x-xandir tar-riklam; u

(d) tipprovdi kopji ta' kwalunkwe fatturi u pagamenti il l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rċeva u pproċessa in konnessjoni mal-produzzjoni tal-filmat u x-xandir ta' dan ir-riklam.

Permezz ta' din l-email niddikjara s-segwenti:

(a) Nibda billi nispjega illi l-paġna fuq il-midja soċjali bl-isem 'MaltaGov', hija mmexxija mill-Uffiċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Illi b'referenza għar-'riklam' li deher bejn l-4 ta' Settembru 2025 u d-9 ta' Settembru 2025, niċċara illi l-paġna 'MaltaGov' ippubblikat filmat fejn il-Ministru Galdes spjega fil-qosor emendi leġislattivi li kienu għadhom kif ġew imħabbra.

(b) Dan il-filmat ġie kkreat b'riżorsi interni u għalhekk ma kien hemm l-ebda spiża in konnessjoni mal-ġbid, editjar u ħolqien tal-grafika.

(c) L-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(d) In-nefqa totali in konnessjoni max-xandir ta' dan ir-riklam kienet ta' €53.61 u dana skont iż-żewġ fatturi hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok EM1' u 'Dok EM2'.

Tislijiet,

Edward Montebello
Head of Government Communications
Prime Minister Secretariat

t +356 22000000 e edward.montebello.1@gov.mt | www.primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

---

From: Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <sarah.pace-

warrington@standardscommissioner.mt>
Sent: Friday, 03 October 2025 11:18
To: Montebello Edward 1 at OPM <edward.montebello.1@gov.mt>
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
Subject: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Is-Sur Edward Montebello
Kap tal-Komunikazzjoni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Sur Montebello,

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. L-oriġinali se ssegwi bl-idejn.

Billi l-ittra hija scan, qed nirriproduċi hawn l-indirizz elettroniku li jidher fiha għal aċċess aktar faċli: https://www.facebook.com/MaltaGov/videos/867203258310434

Insellimlek,



Dr Sarah Pace Warrington
Senior Investigator
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

Dokument H

From: Montebello Edward 1 at OPM
To: Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Subject: RE: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Date: Monday, 2 February 2026 15:13:19
Attachments: DOK EM 1.pdf
DOK EM 2.pdf

This email comes from outside the organization.
Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Illum it-2 ta' Frar 2026

Lill-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Strada San Paolo
Valletta

Għażiż Sur Kummissarju,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 12 ta' Jannar 2026 a rigward il-Każ K/068.

Anness ma' din l-ittra għandek issib kopja taż-żewġ dokumenti hekk mitlub, mingħajr redazzjonijiet u modifiki oħra.

Id-dokument jinkludi dettalji oħra li ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ.

Tislijiet,

Edward Montebello
Head of Government Communications
Prime Minister Secretariat

t +356 22000000 e edward.montebello.1@gov.mt | www.primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

---

From: Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <sarah.pace-warrington@standardscommissioner.mt>
Sent: Monday, 12 January 2026 13:06
To: Montebello Edward 1 at OPM <edward.montebello.1@gov.mt>
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
Subject: RE: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Is-Sur Edward Montebello
Kap tal-Komunikazzjoni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Sur Montebello,

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja

Dokument H1

Invoice for MaltaGov

Account ID [redacted]

Meta

Invoice/Payment Date
Sep 7, 2024, 12:48 PM

Payment method
Visa ···· [redacted]
Reference Number: [redacted]

Transaction ID
[redacted]

Product Type
Meta ads

Paid

€100.00 EUR

You're being billed because you reached your €100.00 payment threshold.

Campaigns

[redacted]		[redacted]
[redacted]	[redacted]	[redacted]
Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..." From Aug 20, 2024, 12:00 AM to Sep 7, 2024, 12:48 PM		**€34.58**
Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..."	43,881 Impressions	€34.58
Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..." From Aug 20, 2024, 12:00 AM to Sep 7, 2024, 12:48 PM		**€3.61**
Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..."	3,678 Impressions	€3.61
[redacted]		**€11.85**
[redacted]	[redacted]	[redacted]

Meta Platforms Ireland Limited
Merrion Road
Dublin 4
D04 X2K5
Ireland
VAT Reg. No. IE9692928F

Malta
Invoice # FBADS-729-103698735

Customer to account for any VAT arising on this supply in accordance with Article 196, Council Directive 2006/112/EC.

Dokument H2

Invoice for MaltaGov

Account ID: [redacted]

Meta

Invoice/Payment Date
Sep 14, 2024, 9:57 AM

Payment method
Visa ···· [redacted]
Reference Number [redacted]

Transaction ID
[redacted]

Product Type
Meta ads

Paid

€53.53 EUR

Ads spend since Sep 6, 2024.

Campaigns

Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..." **€15.42**

From Sep 6, 2024, 12:00 AM to Sep 10, 2024, 11:59 PM

Post: "Il-bidla fil-kirjiet ta' proprjetajiet □□□ privati..."	16,745 Impressions	€15.42
[redacted]		[redacted]
[redacted]	[redacted]	[redacted]

Meta Platforms Ireland Limited
Merrion Road
Dublin 4
D04 X2K5
Ireland
VAT Reg. No. IE9692928F

Malta
Invoice # FBADS-729-103720612

Customer to account for any VAT arising on this supply in accordance with Article 196, Council Directive 2006/112/EC.

Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Edward Montebello

Każ: K/068

Data: 14 t'April 2026

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW

Is-Sur Edward Montebello, Head of Government Communications fis-Segretarjat tal-Prim Ministru – EM

EM: Naħlef

JA: Ara Sur Montebello, għax aħna bdejna. Inti m'intix qed tiġi investigat fil-kors ta' dan, però bħala person of trust, inti taf li għandek ċertu responsabbiltajiet vis-a-vis dan l-uffiċċju, għal dak li jirrigwardja il-Public Administration Act, jiġifieri mhux eżattament, jiġifieri fuq dan il-każ m'intix qed tiġi investigat, kif taf inti, inti qiegħed xhud, però jekk issib xi diffikultà f'xi mistoqsija, għidilna u naraw nirregolaw ruħna. Mela ħa nibdew nirrekordjaw. Każ tmienja u sittin, erbatax t'April elfejn u sitta u għoxrin fil-ħdax ta' filgħodu. Preżenti il-Kummissarju, Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator. Jixhed is-Sur Edward Montebello msejjaħ mill-Kummissarju. Mela tajnik il-ġurament diġà u ħa nibdew il-mistoqsijiet. Il-kariga tiegħek x'inhi l-ewwelnett?

EM: Jiena l-Kap tal-Komunikazzjoni tal-gvern ta' Malta.

JA: Sewwa.

EM: Naħdem fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

JA: Issa l-każ jirrigwardja dan ir-riklam ngħidu aħna, rigwardja il- eh, dak iż-żmien Ministru Galdes fuq li sar, deher fuq il-paġna tal-Fa-, tal-Maltagov bejn l-erbgħa u d-disgħa ta' Settembru elfejn u erbgħa u għoxrin, jiġifieri għadda naqra żmien. Tiftakar il-każ x'kien?

EM: Ehe, hmm, iktar milli riklam, hmm huwa messaġġ ta' spjega informattiva, minn dak iż-żmien il-ministru responsabbli mill-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli Roderick Galdes, fejn kien qed jispjega, hmm jekk niftakar sewwa, hmm u bħalu għamilna messaġġi oħrajn, eh dak iż-żmien, informazzjoni dwar regolamenti ġodda li kien ħareġ il-gvern, permezz tal-ministeru, dwar nies li jistgħu jgħixu f'unit ta' propjetà. Jiġifieri nies li ma jiġux minn xulxin, li mhumiex relatives, hmm jidhirli skont kemm ikun hemm kmamar tal-banju, u fil-fatt jispjega għax titla' l-grafika f'dak il-filmat, hmm kien hemm, kien hemm, l-ammont tal-persuni, u kien informattiv kien qed jispjega hmm din l-informazzjoni il-Ministru li kien qed jimbotta l-quddiem dawn ir-regolamenti l-ġodda, dan li kien għadu kif ħabbar ukoll permezz ta' komunikat u mbagħad fuq social media, għall-fini ta' informazzjoni, eh kien qed jidher hu biex jagħti din l-informazzjoni.

JA: Issa, eh min kien qed jikkordinahom dawn il-filmati?

EM: Mela, dak il-filmat, eh sar min-naħa tagħna bħala, bħala communications tal-gvern ta' Malta, jiġifieri sar in-house. Hmm, ġibna lill-Ministru eh, għandna, jiġifieri dak anka in-house għax sar fl-istudio tagħna, hmm bil-kamera tagħna, etc. Jiġifieri bl-audio visual, nies li għandna jaħdmu magħna hmm, fl-Uffiċċju tal-, tal-Prim Ministru.

JA: Jiġifieri dan naturalment intom għandkom, tiġu infurmati mill-ministeru konċernat illi hemm xi ħaġa ġdida, li għandha bżonn tiġi -

EM: Mhux hekk?

JA: - tiġi komunikata għall-pubbliku.

EM: Eh, l-inizjattiva, jekk ikun hemm inizjattiva, hmm, aħna naraw li hija xi ħaġa ta' informazzjoni, ninfurmaw lill-pubbliku, hmm f'dak il-każ ma niftakarx, imma mhux neċessarjament li l-ministeru jgħidulna 'isma' għamlulna din fuq il-paġna ta' Facebook uffiċjali tal-gvern, fuq Maltagov'. Ġieli kienet bil-kontra, li aħna stess inħossu, li mmorru fuq il-ministeru u ngħidulhom, ismagħni naħseb din l-inizjattiva li ħriġtu dawn, f'dan il-każ ir-regolamenti, naħseb għandu jkun infurmat il-pubbliku, ejja nagħmlu dan il-filmat. Jiġifieri –

JA: Jiġifieri intom tkunu tafu naturalment –

EM: X'ikunu ħerġin l-inizjattivi.

JA: Minn ġo, minn ġol-Kabinett stess prattikament, jew minn ġol-gvern stess.

EM: Minn ġol-gvern stess. Jiena jkolli wkoll il-kalendarju ta' events ngħidulhom, press events, li jkollhom il-ministeri differenti hmm, mal-gvern kollu, u nqassmu l-kalendarju ta' xahar sħiħ, xahar b'xahar, il-press conferences, per eżempju din il-ġimgħa, nhar it-Tlieta, dak il-ministru se jkun qed iħabbar dik l-inizjattiva. Ovvjament dawn l-events jiġu għandna l-informazzjoni min-naħa tal-ministeri rispettivi, u aħna nqassmu l-, allura jiena nkun naf x'ħa jkun qed joħroġ, x'se jkun qed jiġi komunikat bħala, bħala gvern, x'inhuma l-press conferences li ġejjin etċ. U ovvjament inkun naf x'ħa jkun qed jitħabbar.

JA: Sewwa ħsibt jien, jiġifieri dan il-ministeru, ikun min ikun, f'dan il-każ il-Ministru Galdes kien, jew il-ministeru tiegħu, infurmakom isma', aħna ħa noħorġu regolamenti ġodda. Intom imbagħad tikkomunikaw, tikkoordinaw il –

EM: Nikkoordinaw il-, biex isir dak il-komunikat.

JA: Sewwa.

EM: U f'dan il-każ ukoll, f'dak il-każ jiena niftakar li kien sar press briefing ukoll, hmm jidhirli, jiġifieri. Jiġifieri il-forma ta' kif ġiet ikkomunikata hemm barra mal-media, kien sar press briefing, nagħmluha ħafna din, ġieli wkoll nagħmluha jiġifieri qabel il-press conference itself, isir press briefing meta tkun xi ħaġa iktar ta' informazzjoni, mhux bilfors importanti imma, iktar anka teknika, qed tifhem, li jiġi spjegat. Jiġifieri per eżempju m'ilux nidejna l-ewwel fażi fir-riforma tal-Qorti tal-Familja, qabel il-press conference itself li ġiet indirizzata mill-Prim Ministru, mill-Ministru Michael Falzon, u l-Ministru Jonathan Attard, sar press briefing, hmm xi siegħa qabel, mal-ġurnalisti biex jispjegaw aktar fid-dettall, saret preżentazzjoni dwar kif inhi. F'dan il-każ kienet saret ukoll jidhirli press briefing, u wara li tħabbret, ħassejna li fuq is-social media, hmm għandna wkoll nikkomunikaw,

għaliex ovvjament il-press release ma jarahiex kullħadd. Orrajt jirrapportawha l-media, imma fuq social media dak li huwa informattiv, eh f'dak il-messaġġ, jien ma jidhirlix li hemm messaġġi politiċi fih jew partiġġjani, qed jispjega, inizjattiva hmm miżura li kienet ittieħdet dak iż-żmien, hmm dwar kemm għandhom joqogħdu nies, hmm ma jiġux minn xulxin, f'appartamenti. Ejja ma ninsewx fil-pajjiż kien hawn hmm dak iż-żmien ukoll ftit diskors li ismagħni, saħansitra ġieli kont smajt dak iż-żmien lill-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, li jgħid hmm, il-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech, li kien jgħid ismagħni hawn is-sodod fid-djar bix-shift, filgħodu jorqod persuna għax jidħol minn night shift, u mbagħad jidħol ieħor, jiġifieri l-post qed jinkera, post joqgħodu anka għaxra, tnax-il ruħ u dan huwa illegali, u ovvjament kien sar dan l-infurzar, u ħassejna li għandna nikkomunikaw dan il-messaġġ.

JA: Eh, u kontu qed tikkomunikaw, mhux f'dan il-każ biss, nimmaġina f'kull każ, ikollkom persuna partikolari mill-ministeru? Xi PRO nimmaġina jkun.

EM: Mhux hekk? Inkunu tkellimna mal-Communications Officer tal-ministeru, il-Communications Coordinator. Aħna nżommu kuntatt regolari għax ovvjament huma wkoll jitkellmu miegħi. Fl-aħħar mill-aħħar, jiena apparti li jiena l-ispokesperson tal-Prim Ministru, jiena kif għidtlek, il-Kap tal-Komunikazzjoni tal-gvern ta' Malta, allura l-Communications Coordinators fil-ministeri differenti jiena nkun qed inkellimhom fuq bażi regolari ħafna. U nkun qed nitkellem, inkun avviċinajthom u nkun għidtilhom, ismagħni naħseb din timmerita li nagħtu informazzjoni, hmm meta hu available il-Ministru biex nistgħu nagħmlu dan il-messaġġ? Għamilna dak il-messaġġ, eh kif għidtlek sar in-house, jiġifieri m'hemmx spejjeż relatati dan, l-uniku spejjeż li kont bgħattilkom hmm, darbtejn waħda minnhom naf u fhimt għax kien hemm ir-relazzjonijiet, imma spjegajt għax ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ għax kif jaħdem il-Facebook, l-adverts, iġifieri inti hmm, ikollok it-transactions differenti, hmm u f'dak il-każ u mbagħad tajna l-informazzjoni kemm kien intefaq. Jidhirli kien intefaq, insejt bl-amment, naħseb għandek miktub fuq il-każ, imma jiġifieri madwar xi ħamsin ewro, ftit inqas jidhirli.

JA: Jiġifieri għandkom uffiċċju, għandkom eh kamra apposta?

EM: Iva.

JA: Għar-recording eċċetra, eċċetra –

EM: Ehe.

JA: Bil-persuna li tagħmel il-film, hux hekk?

EM: Eżatt, eżatt.

JA: Eh, qiegħed Kastilja stess dan jew għandkom xi uffiċċju ieħor?

EM: Le, le, Kastilja stess.

JA: Kastilja stess.

EM: Xi ħaġa żgħira ta, studio, it's very –

JA: U ija m'għandikx bżonn ħafna hux?

EM: M'għandekx bżonn, jiġifieri kull m'għandek background skura, siġġu, litteralment ikollok rokna żgħira, qed tifhem? U kulħadd irid joqgħod kwiet, ħabba biex ma jsirx storbju.

JA: Naturalment.

EM: Għax qegħdin biswit l-uffiċini dan.

JA: Għandkom xi ħadd partikolari jagħmel dan ix-xogħol jiġifieri, persuna partikolari, jew hemm iktar minn wieħed?

EM: Ehe, għandna persuna li jkun qed jagħmel il-, x'tgħidlu aw, il-filming u l-editjar tiegħu.

SPW: So l-istess persuna tieħu ħsieb il-ġbid tal-filmat?

EM: Eżatt.

SPW: Sound, lighting dawn l-affarijiet, l-istess persuna?

EM: Lighting is very basic dak ta. Jiġifieri biex tagħmel xi ħaġa, dak kull m'għandek bozza fuq il-persuna li jkun qed jidher, that's all jiġifieri. Qegħda fixed hemm hekk, it's very basic.

JA: Issa eh.

EM: Biex ma nimmaġinawx li hemm xi spejjeż barra minn –

JA: U le , u la m'għandekx bżonn –

EM: U llum eżatt il-mobile, illum il-mobile huwa iktar tajjeb biex ixxandar fuq it-televiżjoni, litteralment.

JA: Ikun hemm xi ħadd partikolari jiddeċiedi x'għandu jiġi sponsorjat, ippubblikat jew isponsorjat fuq il-Maltagov?

EM: Eħe, jien, inkun iddeċidejt jien.

JA: Inti tiddeċiedi.

EM: Eżatt.

JA: Ok. Jiġifieri inti allura ħadtha d-deċiżjoni biex tagħmel dak il-filmat.

EM: Iva, hmm u hmm, l-isponsor hmm, dak iż-żmien, seta' jsir, u sar fuq messaġġ li huwa informattiv. Din hija prassi li ssir.

JA: Ok.

EM: Illum nafu li r-regoli ta' Facebook inbidlu, mhux qed nirreferi għal dak il-każ partikolari, imma fuq affarijiet li huma messaġġi politiċi, qas iħallik tisponsorja llum.

JA: Ma nafx, li kelli mistoqsijiet ġew, diġà rrispondejthom. Għandek xi ħaġa oħra?

SPW: Hmm, inti għidt li inti tiddeċiedi x'posts jiġu sponsorjati fuq il-paġna. Hmm inti wkoll tieħu d-deċiżjoni dwar l-ammont ta' flus illi jintefaq fuq kull sponsored post?

EM: Ġeneralment fuq affarijiet hekk ma neżaġerawx, jiġifieri f'dan il-każ kien lanqas ħamsin ewro jiġifieri, xi ħaġa –

SPW: Għandkom xi guidelines imma, jew tiddeċiedu skont il-każ kemm ħa tonfqu fuq kull post?

EM: Le, le, qatt, m'hemmx, m'hemmx ħsieb li per eżempju ismagħni, u le tiħ elf euro, tiħ mitejn, tiħ tlett mija, no. Iġifieri ġeneralment l-isponsors, jiġifieri naf li hemm każ ieħor li kontu saqsejtuni l-mistoqsijiet dwaru, l-istess kważi ammont hu, jiġifieri l-prassi hija dejjem madwar dak l-ammont li huwa ta' ħamsin ewro, ftit inqas, ftit iżjed.

SPW: U f'dak is-sens il-ministeru ma jkollux sehem fid-diskussjoni fis-sens intom tiddeċiedu.

EM: Le ma jkollux, ma jkollux.

SPW: Ok.

EM: Fil-verità il-produzzjoni ħdimnieha aħna, il-paġna ta' Maltagov tiġi amministrata mhux mill-ministeru imma tiġi amministrata mill-OPM, il-gvern ta' Malta, hmm il-paġna uffiċjali tal-gvern. Hmm jiġifieri ma jkollho - u kull ma sar biss li l-Ministru ġie biex isir il-filmat, l-iskript insejt imma jista' jkun li ktibtu jiena, ikun rah forsi għamel xi changes żgħar biex jagħmlu ovvjament kif inhu komdu hu, ovvjament u li jirrifletti l-inizjattiva u r-regolamenti li kienu ħarġu f'dak il-każ u mexxejna.

SPW: Tiftakru eh f'dan il-każ, min kien il-contact point tiegħek mal-ministeru dak iż-żmien?

EM: Eħe, hmm il-Commucations Coordinator li kellu l-Ministru Galdes dak iż-żmien. Hmm, irrid nipprova niftakar min kien, għax jidhirli biddel xi ħadd, jidhirli dak iż-żmien kellu lil Albertine Meli Decelis, xi ħaġa hekk. Kienet taħdem miegħu lately, eventwalment ma baqgħetx għax hija avukat jiġifieri. Qalbet jidhirli bħala konsulent legali lately.

SPW: Eh, inti semmejt illi f'dan il-perjodu kontu għamiltu riklami oħra, hmm l-istess, tip ta' pubbliċità fuq policies. Tista' ttina ftit eżempji ta' dawn?

EM: Iktar milli riklami, nerġa' ngħid ma kinux riklami fl-opinjoni tiegħi, għaliex eh kienu, eh produzzjonijiet informattivi. Kien hemm filmat simili ħafna li tela' ftit qabel jidhirli, jew wara, kien tal-Ministru Jonathan Attard, li kien qed jispjega wkoll eh xi inizjattiva li kien għamel. Aħna dawn spjegajna li jidhirli kien hemm timer fil-ġenb hawnhekk tal-filmat, anka dak. Jiġifieri f'minuta inti tispjega biex tagħmlu ovvjament f'mod effettiv li tispjega lin-nies, illum il-ġurnata f'social media f'minuta nista' nispjegalek din l-inizjattiva, din il-miżura, u konna għamilna dak il-filmat.

SPW: Eh f'każ bħal dan ikollkom records ta' komunikazzjoni bejnietkom u bejn l-ministeru, per eżempju jew Whatsapps, jew emails?

EM: Ma niftakarx kif ikkomunikajt magħhom jekk kontx ċempiltilhom.

SPW: Orrajt. U l-aħħar ħaġa żgħira, just bħala kjarifika, hmm tinduna fuq l-'about' disclaimer tal-advert, li l-persuna li ippostja dan il-post, kien is-Sur Anthony Sevasta. Hmm tista' tikkonferma jekk hux hu jew jekk dan ikunx xi setting li għandkom, li forsi baqa' qisu template u kull min jitfa' post –

EM: Jista' jkun kien setting għax Anthony Sevasta għamel żmien jaħdem fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, hmm u jista' jkun kien xi setting li baqa' hemmhekk għax il-paġna baqgħet tgħajjat hmm u baqa' ismu.

SPW: Ok.

EM: u - naħseb dak kien il-każ.

SPW: Ok - min-naħa tiegħi.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda tas-Sur Edward Montebello kif dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi Sur Montebello.

185 EM: Grazzi ħafna.

L-aħħar reviżjoni: 31 t'Awwissu 2026

Dokument J

From: Galdes Roderick at Parlament-MT
To: Dr Sarah Mulvaney Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Subject: Re: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Date: Thursday, 24 September 2026 15:12:54

This email comes from outside the organization.

Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Ghaziza Dr Mulvaney Pace

Grazzi ta' l-email tieghek

M' ghandix xi nzid aktar fuq dan il-kaz partikolari

Nirringrazzjak u nselli ghalik

Roderick Galdes

Sent from Outlook for iOS

From: Dr Sarah Mulvaney Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <sarah.m.pace-warrington@standardscommissioner.mt>
Sent: Tuesday, September 1, 2026 9:44 AM
To: roderick.galdes@parlament.mt <roderick.galdes@parlament.mt>
Cc: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
Subject: Każ K/068 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Is-Sur Roderick Galdes

Sur Galdes,

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Insellimlek,

Dr Sarah Mulvaney Pace Warrington
Senior Investigator
Office of the Commissioner for Standards in Public Life